# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Marzu 2025**

**Avviż Nru: 176/2024**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Miriam Camileri (K.I. 641260M)**

**vs**

**Alana-Jane Camilleri (K.I. 189784M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tal-attriċi mressaq fis-26 ta' Awwissu 2024[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, permezz ta' liema l-Qorti intalbet sabiex tirrifondi lura lill-attriċi l-ammont ta' tmint elef, ħames mija, sebgħa u tmenin Ewro (€8,587) rappreżentanti self brevi manu. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u ta' mandat ta' sekwestru imressaq kontestwalment.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Lulju 2024[2].

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 5 tal-proċess.

Rat li kien hemm diversi tentattivi sabiex il-konvenuta tiġi finalment notifikata.

Rat dak li seħħ fis-17 ta' Marzu 2025 fejn dehret il-konvenuta u, għad li l-Qorti tagħtha ċans sabiex tressaq risposta, hija insistiet li riedet tammetti t-talba[3]. Dakinhar il-konvenuta instemgħet bil-ġurament[4], fejn għal darb' oħra tenniet l-ammissjoni tagħha.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenuta għażlet li tirreġistra ammissjoni nkundizzjonata għat-talba tal-attriċi.

Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*"[5]. Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn il-Qorti ikunu marbuta u tkun tista' biss tilqa' t-talba[6]. Jiġi wkoll mfakkar li meta sseħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqa' dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[7].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

---

[3] Ara verbal a fol 13 tal-proċess.
[4] Din tibda a fol 15 tal-proċess.
[5] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
[6] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Justin Micallef Grimaud,** (Rik Maħluf Nru: 688/2021) u ċioé: *"Dan hu hekk għaliex, confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta ssentenza tiegħu stess"*
[7] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfred Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talba kif dedotta.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-ammont ta' tmint elef, ħames mija, sebgħa u tmenin Ewro (€8,587) bl-imgħax legali mis-26 ta' Awwissu 2024[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż[9] jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[8] Data tat-tressieq ta' dawn il-proċeduri.

[9] Jerġa jingħad li l-ammissjoni kienet inkundizzjonata u mistoqsija mill-Qorti l-konvenuta ammettiet ukoll din il-parti tat-talba.